ĠUNJU 2024

# IS-SEMINARJU










# TRID TIMXI? INŻEL FL-GĦERUQ!

DUN CARLO CALLEJA - VIĊI-RETTUR

Kont taf li daqs kemm pjanta jkollha zkuk u weraq 'il fuq mill-ħamrija, daqshekk ieħor ikollha għeruq taħt l-art?

Tassew li għalkemm moħbijin minn għajnejna, mingħajr dawk l-għeruq, il-pjanta ma tgħixx.

Mingħajr għeruq, kwalunkwe pjanta malajr titkaxkar mal-ewwel buffura riħ. Mingħajrhom il-pjanta ma tistax tixrob l-ilma u n-nutrijenti mill-ħamrija għammiela. Ħafna pjanti ma kienx ikollhom fejn jaħżnu l-ikel waqt xitwiet kesħin u twal kieku ma kienx għal għeruqhom.

F'ħajjitna wkoll għandna bżonn tal-għeruq biex nimxu 'l quddiem.

Fil-ktieb *Il-Qawwa tal-Vokazzjoni*, il-Papa Franġisku tkellem fuq il-ħtieġa li mmorru lura għall-għeruq tagħna bħala bnedmin.

Dan huwa minnu aktar u aktar għal dawk fostna li qed nippruvaw nifhmu aħjar is-sejħa tagħna bħala mgħammdin, u bħala persuni kkonsagrati lil Alla b'mod sħiħ, f'dinja li saret qisha mingħajr punti fissi.

Jekk irridu nkunu profetiċi, jiġifieri jekk irridu nwasslu lil Alla u l-kelma tiegħu b'mod li tagħmel tassew differenza konkreta fil-ħajja tal-bniedem, irridu mmorru lura għall-għeruq tagħna.

Fost dawn hemm l-anzjani li jgħinuna nżommu l-memorja tal-passat biex inkunu nistgħu nħarsu lejn il-futur b'tama ġdida.

"L-istorja mgħixa mill-anzjani," jgħid il-Papa, "hija l-għerq li tqanqal lis-siġra tiffjorixxi."

Fl-għeruq tagħna nsibu dak li jżommna ankrati mal-art biex la ninqatgħu f'dinja għalina 'l bogħod mill-ħajja mgħixa tan-nies u lanqas ma niġġerrew 'l hawn u 'l hinn b'mod superfiċjali qisna dgħajjes mingħajr ankri f'baħar imqalleb.



Huwa fl-għeruq tagħna li nsibu dak li jsostnina fil-ħajja tal-fidi u umana tagħna. Hemmhekk għamilna l-ewwel esperjenza tal-imħabba ta' Kristu, u hemm bdiet il-mixja tagħna ta' għarfien ta' min aħna.

U int, fejnhom l-għeruq tiegħek?

# TISTA' TAGĦMEL XOGĦOL LI MHUX TIEGĦEK?

**REV. MATTHEW SAMMUT** - SENA VI

Ma nafx kif għaddew sitt snin bħala seminarista! Kien żmien mill-isbaħ bit-tlajja' u l-inżul kollha tiegħu.

Issa nsib ruħi fil-bidu tal-ministeru tiegħi bħala djaknu tal-Knisja f'Malta. Ikolli nammetti li aktar ma qorob il-jum tal-ordinazzjoni l-eċitament baqa' dejjem iżjed jiżdied. Bil-propedewtika b'kollox ilni s-Seminarju kważi seba' snin. Matul dawn is-snin kont dejjem qed nirċievi issa bħala djaknu huwa jien li se nkun qiegħed naqdi l-irwol ta' persuna li takkumpanja lill-ħaddieħor fil-mixja tal-fidi. Is-Seminarju ma jippreparakx għal kollox... anzi wieħed ma għandux jistenna dan! Ir-realtà tal-pastorali hi tant varjata li l-ebda istituzzjoni ma tista' tippreparak għal kull eventwalità li tista' tinqala' fil-pastorali. L-irwol tas-Seminarju narah bħala dak iż-żmien li jiffurmana f'ragħajja sabiex imbagħad meta nkunu fil-pastorali jkollna l-għodda li biha nistgħu naqdu fedelment lilll-poplu ta' Alla.

Nagħmel kuraġġ quddiem dan il-ministeru li qed nibda' għaliex naf li matul dawn is-snin kont espost għal ħafna realtajiet pastorali u ġejt iffurmat fid-diversi aspetti ta' studju li se jgħinuni fil-ministeru tiegħi. Fl-istess ħin dawn is-snin laqqgħuni ma' ħafna nies li jistgħu jgħinuni fil-ministeru; ammont kbir ta' professjonisti u saċerdoti ta' esperjenza vasta. Huwa minnu li tassew ma ninstabux weħidna anzi hawn bosta nies li flimkien magħhom naqdu l-ministeru li ngħatajna. Fl-aħħar nett insemmi li dawn is-snin tas-Seminarju wassluni nifhem dejjem aktar li l-ministeru mhuwiex tiegħi imma ta' Kristu li sejjaħli għal warajh. Għalhekk nagħraf li jien niddependi minn Ġesù kemm bħala nisrani iżda wkoll bħala djaknu-qaddej ta' Kristu u l-Knisja.

**Ritratt: Arċidjoċesi ta' Malta - Ian Noel Pace**



**Segwi mumenti mill-ordinazzjoni djakonali**

# IS-SEMINARISTA FL-ISPAZJU!

**ANIS RIAHI** - SENA I

Minn ċkuniti dejjem affaxxinajt ruħi meta fis-satra tal-lejl joħorġu l-kwiekeb fil-medda tas-sema. Kull darba kont nispiċċa nimmedita fuq il-kobor ta' dan il-ħolqien, wisq iktar dak li ħalaqhom! L-iskrittura tmur pass oltre u tgħidilna kif Alla kapaċi "jgħodd in-numru tal-kwiekeb kollha u jsejħilhom b'isimhom"(Salm 167). Iktar tard fil-proċess serju ta' dixxerniment tas-sejħa li bdejt nħoss ġewwa fija, bdew ġejjin id-dubji ta' kif u għalfejn Alla minn tant nies, sejjaħ lili għas-saċerdozju. Minnufih erġajt lura għal din il-kontemplazzjoni, waqaft, skitt, u ħarist 'il fuq. Il-kliem u l-ħsibijiet kollha għebu minnufih u mill-ġdid erġajt għaraft min kien fil-kontroll. Donnu llum f'tant ħajja mgħaġġla, ftit li xejn nieqfu u nħarsu madwarna. Minn fejn ġejjin, għalfejn qegħdin hawn, u fejn sejrin? Kull nisrani għandu jżomm ħarstu 'l quddiem u jagħraf fil-fond fejn hu sejjer, u inkwantu dejjem f'mixja kontinwa li hu wkoll għandu sehem fiha.

Fir-rakkont tat-twelid ta' Sidna Ġesù kienet proprju kewkba fis-smewwiet li mexxiet lill-Maġi sakemm waslu għad-destinazzjoni finali tagħhom. Il-Maġi kienu f'mixja, mixja mżewqa b'diversi ostakli, imma waqfu, ħarsu 'l fuq, u reġgħu bdew mexjin. Anke lilna, Alla jibgħatilna diversi sinjali tul il-mixja tagħna, però dan jitlob minna li nieqfu u nħarsu biex nintebħu b'dawn is-sinjali. Aktarx dawn mhux se narawhom fl-ispazju, imma fin-nies li niltaqgħu magħhom, jew xi esperjenza li tħalli marka fina.

Fl-ewwel ittra lill-Korintin naraw kif "Hemm id-dija tax-xemx, u hemm id-dija tal-qamar, u hemm ukoll id-dija tal-kwiekeb; u kewkba tiddi aktar minn kewkba oħra." (15:41) Għalhekk aħna wkoll, l-istess bħal dawn il-kwiekeb, għandna l-pass personali tagħna fl-istorja tal-ħajja tagħna. L-essenzjali mhux kemm naslu malajr, imma kif naslu.



# META NĦOSS LI ALLA NSIENI ...

**DUN MARK SULTANA** - DIRETTUR SPIRITWALI

F'ħajjitna ngħaddu minn mogħdijiet kolllhom ħdura u ngħaddu ukoll mid-deżert. Fit-talb tagħna, pereżempju, ngħaddu minn mumenti ta' faraġ u konsolazzjoni, u ngħaddu wkoll minn mumenti ta' deżolazzjoni. Ċoé, ikun hemm mumenti fejn inħossu li Alla hu qrib ħafna tagħna u fejn naraw l-id providenzjali tiegħu b'mod ċar, u jkun hemm żminijiet oħra fejn inħossuh 'l bogħod u nħossuna maqtugħin minnu. Nitolbu u ma nħossu xejn, jew ngħixu tajjeb u kollox imur ħażin, jew ngħinu lill-oħrajn u nħossuna naqgħu fin-niket tal-monotonija.

Fid-dawl tal-Bibbja importanti nkunu nafu sewwa li Alla, li jwassalna f'mergħat kollhom ħdura u ħajja, jimxi magħna fil-qrib ukoll fid-deżert. Anke jekk inħossuna waħedna fid-deżert ma nkunux hekk. Veru li d-deżert jgħajjina u malajr ikollna aptit ingergru jekk mhux ukoll naqtgħu qalbna u forsi nieqfu nimxu. Imma Alla jkun qiegħed magħna. Kif tgħid il-Bibbja: "Il-Mulej Alla jimxi quddiemna, … fid-deżert, … u jerfagħna bħalma bniedem jerfa' lil ibnu, fit-triq kollha li nimxu" (ara Dewt 1, 31.).

Jiġifieri, meta ngħaddu minn deżolazzjoni, nafdaw li Alla qiegħed magħna – ukoll jekk dan ma nħossuhx. Importanti li nkomplu nitolbu, nattendu għall-quddies, inqerru, nagħmlu l-ġid, u nuru ħniena, ukoll meta ma jkollniex aptit. Alla jkun magħna xorta, anke jekk il-preżenza ta' Alla tkun moħbija. Importanti wkoll li nkunu nafu nistrieħu u li nżommu s-sens ta' umoriżmu – bosta drabi nħossuna ħażin għax ngħixu qisna mġienen. Tajjeb li wieħed jistaqsi wkoll lil xi ħadd li jkollu ftit esperjenza spiritwali biex jgħinu; importanti nagħrfu li aħna nimxu flimkien. Fuq kollox, importanti nafdaw ħafna f'Alla b'umiltà kbira. Għax, bosta drabi, Alla juża l-esperjenza tad-deżert biex jgħallimna l-umiltà u biex ikollna fiduċja ikbar fih. Għalhekk, nibqgħu mexjin ukoll fid-deżert b'fiduċja, kuraġġ u perseveranza. "Nafdaw fil-Mulej Alla li jimxi magħna tul il-medda iebsa tat-triq sa ma jipprovdilna post fejn nistrieħu" (ara Dewt 1, 32-33).



# X'GĦADDA M






















1. 11 ta' Novembru 2023 - Ħarġa San Martin
2. 13 ta' Diċembru 2023 - Serata tal-Milied
3. 20 ta' Diċembru 2023 - Novena tal-Milied
4. 20 ta' Diċembru 2023 - Ikla Kommunitarja tal-Milied
5. 1 ta' Frar 2024 - Nippreparaw is-santi għall-ġbir b'risq is-Seminarju
6. 19 - 22 ta' Frar 2024 - Seek Encounter ma' staff tal-iskola

# INGĦALINA?



2.



2.


3.


4.


5.


5.


7.


7.


7.


10.


11.


12.

7. 1 - 3 ta' Marzu 2024 - Weekend f'Bari
8. 16 ta' Marzu 2024 - Via Sagra fis-Seminarju waqt live-in tal-Vokazzjonijiet
9. 23 ta' Marzu 2024 - Ċelebrazzjoni ta' Ħadd il-Palm
10. 13 ta' April 2024 - Ordinazzjoni tad-Djakni
11. 20 ta' April 2024 - Ordinazzjoni tal-Presbiteri
12. 9 ta' Mejju 2024 - Żjara tal-Kardinal Luis Antonio Tagle fis-Seminarju

# IS-SAĊERDOTI NOVELLI: L-ESPERJENZA TAS-SEMINARJU

**DUN KARL ANDREW SCHEMBRI U DUN MALCOLM JOHN SALIBA** - SENA VII

**Kien hemm xi saċerdot jew immaġni li tul il-mixja tiegħek fis-Seminarju kienu ta' dawl jew ispirazzjoni?**

*Karl:* Diversi saċerdoti ispirawni. Meta kont żgħir kelli ammirazzjoni għas-saċerdoti li kellna fil-familja. Kont nistaqsi ħafna dwarhom u kienet tinteressani ħafna l-ħajja tagħhom. Kont ngħid li nixtieq insir bħalhom. In-nuqqas ta' wħud minnhom kompla jżidli l-kurżità u wara l-mewt tagħhom ridt inkun naf iżjed dwarhom; dwar kif kienu jgħixu s-saċerdozju tagħhom. Fil-parroċċa tal-Mellieħa fejn trabbejt, hemmhekk ukoll kien hemm saċerdoti li l-imħabba tagħhom għall-Knisja ħalliet effett fuqi. Il-mod kif iddedikaw ħajjithom għal Ġesù kien jolqotni ħafna u spiss kont nibqa' naħseb dwarhom.



*Malcolm:* Immaġni kostanti, tul il-mixja fis-Seminarju, kienet proprju l-karba ta' Ġesù fuq is-salib: "Għandi l-għatx" (Ġw 19:28) li tfakkarni kif weġibt għas-sejħa li għamilli l-Mulej matul l-esperjenzi ta' volontarjat mas-sorijiet ta' Madre Tereża. Taħt is-salib, f'kull kappella, għandhom miktub il-kliem "I thirst" - "Għandi l-għatx" illi kienet sejħa biex inkompli l-ħidma tiegħu. Għalhekk, fl-esperjenzi illi għext fis-Seminarju, fhimt illi kull bniedem għandu l-għatx biex ikun mifhum, biex japprezza d-dinjità tiegħu u biex jinduna li huwa għandu post fil-Knisja minkejja l-fraġilità umana. Permezz tad-djalogu mal-oħrajn fil-ħajja ordinarja, inwassal lil Kristu u naqta' l-għatx tal-persuna billi nwassalha qrib aktar tiegħu.

**Liema aspett jew esperjenza mill-parroċċa li ġej minna, għenitek l-iktar fil-vokazzjoni tiegħek?**

*Karl:* L-esperjenza tiegħi bħala abbati kienet l-ewwel li għinitni. L-iżjed meta konna nitolbu flimkien. Meta kbirt kont fi grupp ta' adolexxenti li kien jorganizza l-quddies u l-attivitajiet għat-tfal fis-sajf. Dan il-grupp kien speċjali ħafna għalija u l-mumenti ta' talb li kien ikollna flimkien għinuni nibda naħseb dwar il-vokazzjoni bis-serjetà. Kont

inħoss ħafna paċi kull darba li kien ikolli nagħmel xi ħaġa għall-oħrajn. L-iżjed mumenti partikolari kienu jkunu meta kont ninduna b'xi sitwazzjoni partikolari u kont nitlob lil Ġesù biex jgħinhom hu. Kont spiss nitkellem dwar il-Knisja u Ġesù mal-oħrajn.

*Malcolm:* Aspett sabiħ fil-parroċċa ta' Ħ'Attard huwa l-kura pastorali li tingħata lill-familja. L-attenzjoni li tingħata lit-tfal permezz tal-katekiżmu kienet ta' għajnuna fis-sejħa saċerdotali. Illum, il-katekiżmu jattratta wkoll lill-ġenituri għaliex huma jiltaqgħu fil-komunitajiet iż-żgħar biex jerġgħu jiskopru l-fidi tagħhom. Nemmen illi l-familja tista' tkompli twieġeb għas-sejħa tagħha fil-Knisja bil-preżenza tagħha, kif ukoll bix-xhieda Nisranija f'kull post li tkun, pereżempju fuq il-post tax-xogħol. Il-familja hija wkoll benniena tal-vokazzjonijiet u għalhekk, tajjeb illi din il-kultura favur il-formazzjoni twassal lin-Nisrani jagħraf is-sejħa partikolari li Alla qiegħed jagħmel fil-ħajja tagħna.





**Il-parroċċa fejn inti mibgħut fiha kif qed tgħinek tifhem il-missjoni tal-qassis illum?**

*Karl:* Kważi nista' ngħid li l-istess xewqa li kelli meta kont żgħir għadni nħossha tidwi f'moħħi. Kelli forsi 7 snin, kont immur inqerr biex ngħid lis-saċerdot li nixtieq insir qassis biex ngħin lin-nies. Illum din il-viżjoni nħossha għadha ċara ħafna f'qalbi, din id-darba bi skop: li nieħu lil Ġesù miegħi għand in-nies. Ma nistax ngħid li dejjem kollox ikun sew, però nħoss li l-kuntatt kontinwu man-nies ikompli jgħinni nsir naf lil Ġesù. Ix-xewqa ta' ħafna nies li jkollhom esperjenza tiegħu tagħmilni ferħan ħafna. B'dan il-mod, il-ħidma tiegħi fil-parroċċa qed tgħini nifhem iżjed il-missjoni tal-qassis illum: li jkompli jagħti ħajtu għall-oħrajn filwaqt li jamministra s-sagramenti mal-poplu kollu ta' Alla.

*Malcolm:* Il-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ qiegħda tgħinni nifhem li l-missjoni saċerdotali hija li twieġeb fil-konkret għall-kliem tal-Papa Franġisku, li s-saċerdot għandu jiltaqa', jisma', jakkumpanja u jimxi ma' dawk li għaddejjin minn mumenti diffiċli speċjalment dawk li huma vulnerabbli jew emarġinati fis-soċjetà. Xhieda ta' dan hija l-ħidma mal-parruċċani li mhumiex Maltin u li jixtiequ jkun midħla tal-Knisja. Għalhekk, noffru spazju ta' inkontru lil dawn in-nies biex ikomplu jiġu ffurmati fil-fidi u jappartjenu ruħhom fil-parroċċa permezz tas-sehem tagħhom tal-animazzjoni fil-liturġija tal-Ħadd, ta' formazzjoni umana u spiritwali kif ukoll ta' lezzjonijiet tal-Malti. Il-qassis ukoll jikkollabora anke ma' entitajiet tal-Knisja, bħal-LOOP u l-Kċina ta' Marta, li joffru kura pastorali lil dawk li jinsabu weħidhom fi żminijiet diffiċli.

**Segwi mumenti mill-ordinazzjoni presbiterali**

# ROKNA KREATTIVA

## 10 Snin Peprin

... f'għeluq il-għaxar anniversarju mill-peprina
bħala l-fjura li timmarka din l-art li mtliet bil-frott tal-laned kull fejn
Tħares mhux bis-salut fil-ajru l-għoli u wisq iktar fil-qiegħ tal-baħar
iżda mixhed fl-ambjent imħammar u mlannad f'kull moħħ u sider ta'
ċkejken u ċkejkna li le ma ħammru ħajjithom bl-għors tal-*bella vita*
imma bit-tiri li laħquhom f'serqa qasir il-għomor ...

*Luke Vella (Poeproża)*



**It-triq imħarbta,
imċajpra u mudlama.
Pass pass ma naslux?**

*Dun Carlo Calleja (Ħajku)*













1. Daniel Abela (Ritratt mil-ġonna tas-Seminarju)
2. Matthew Sammut (Ritratt mill Kosovo)
3. Ritratt f'mużew: Dun Jimmy Bonnici
4. Dun Mark Sultana (Ritratt mill Kosovo)

# TIXTIEQ TGĦIN LIS-SEMINARJU?

Ta' kull sena aħna nafdaw fil-ġenerożità tiegħek u fl-għajnuna li dejjem offrejt lis-Seminarju.

Flimkien mat-talb tiegħek tista' tgħin billi:

Tibgħat ċekk bl-offerta tiegħek indirizzat 'Is-Seminarju tal-Arċisqof' fl-indirizz postali: **Seminarju tal-Arċisqof, 90, Triq Tal-Virtù, Rabat RBT 2604.**

Tgħaddi l-offerta tiegħek lis-Seminarju fuq il-kont tal-APS Bank plc – dettalji tal-kont:
**The Archbishop's Seminary – Major**
**IBAN Number: MT15APSB77068000499110499130014**
**SWIFT Code: APSBMTMT**

Tħallas borża ta' studju ta' €600 (jew parti minnha) li tista' tħallasha f'daqqa jew tagħżel li tħallas ammont żgħir kull xahar kemm tixtieq int.

Grazzi mill-qalb tal-għajnuna u s-sehem tiegħek fil-formazzjoni tas-Seminaristi.

**Ritratt: Arċidjoċesi ta' Malta - Ian Noel Pace**



+356 2145 5497/8 seminary.org.mt info@seminary.org seminary.malta